**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 146 tal-11 ta' Lulju 2023 dwar rimarki mhux xierqa fil-Kamra**

**L-ISPEAKER:** Fis-seduta tal-bieraħ, 10 ta' Lulju, Seduta Nru 145, wara li s-Sedja ssospendiet is-seduta għal ftit minuti sakemm il-persuna konċernata, ċjoè l-Onor. Aquilina "jikkomporta ruħu sewwa fil-Kamra", l-Onor. Andy Ellul, Segretarju Parlamentari talab lis-Sedja hekk:

> "Sur President, *in vista* tal-atteġġjament tal-Onor. Karol Aquilina, għan-nom tal-grupp parlamentari Laburista qed nitlob lis-Sedja li jingħata ruling fuq dak li ġara, *ai termini* tal-Ordni Permanenti Nru 60, li jaqra hekk:
>
> > **"60.** Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha."

Hawnhekk is-Sedja qalet hekk:

> "Ippermettili. Jekk hux out of order naraħ jien. Ovvjament jien niddeplora dak id-diskors kollu li ntqal.
>
> Is-Sedja ssospendiet għal ftit minuti biex kemm jista' jkun l-affarijiet jikkalmaw. L-Onor. Karol Aquilina, fil-qosor jekk jogħġbok, ħalli nkomplu bis-seduta."

Hawnhekk l-Onor. Karol Aquilina qal hekk:

> "L-ewwel nett niċħad b'mod kategoriku dak li qed jallega fil-konfront tiegħi l-Onor. Andy Ellul. Fi kwalunkwe każ, jekk is-Sedja se tipproċedi biex tagħti ruling fil-konfront tiegħi, qed nitlob ir-rikuża tiegħek, Mr Speaker, għax ma tistax tagħti ruling li fih inti direttament involut."

Is-Sedja rrispondiet lill-Onor. Karol Aquilina:

> "Grazzi**.** Is-Sedja mbagħad tidħol fiha."

Hawnhekk dak li talab l-Onor. Andy Ellul kien wara li nqara r-ruling li talab l-istess Onor. Karol Aquilina li tat is-Sedja dwar talba biex titpoġġa emenda li fiha d-diskussjoni ġiet trattata fir-ruling li kien għadu kif inqara, fejn wara li nqara r-ruling u s-Sedja qalet li r-ruling huwa deċiż, instema' kliem mill-Onor. Karol Aquilina – anzi kien on mike mhux off mike – fejn qal hekk:

> "Oxxen! Oxxen!"

Hawnhekk l-Ispeaker qal hekk:

> "Onor. Aquilina, l-ewwel nett ara l-komportament tiegħek. Jekk ma jogħġbokx ir-ruling, għandek il-proċedura ... Grazzi. Daqshekk. M'għandekx il-kelma, jiddispjaċini."

Hawnhekk l-Onor. Karol Aquilina talab point of order fejn qal hekk:

> "Irrid, f'ismi u f'isem il-bqija tal-Oppożizzjoni, nirreġistra l-preġudizzju gravi li inti, bħala Sedja, u l-Clerk of the House, għandkom fil-konfront ta' kwalunkwe ħaġa u kwalunke persuna li tifforma mill-Oppożizzjoni. Allura qed nitolbok, Mr Speaker, biex ma tibqax għaddej b'dan l-atteġġjament."

Hawnekk is-Sedja qalet:

> "Dan mhux point of order. Hemm il-proċedura fuq ir-ruling. Ir-ruling huwa deċiż."

Imbagħad l-Onor. Karol Aquilina baqa' għaddej b'diversi allegazzjonijiet fosthom jgħid il-kelma "oxxen" u jgħidha bl-Ingliż "obscene". L-Ispeaker imbagħad qallu:

> "Jekk jogħġbok, ieqaf."

L-Onor. Karol Aquilina baqa' għaddej u s-Sedja qalet hekk:

> "Mela oħroġ 'il barra! Qed inkeċċik. Oħroġ!"

Immedjatament kien hemm diversi interruzzjonijiet u s-Sedja ddeċidiet li l-Kamra tiġi sospiża għal ftit ħin sakemm il-persuna konċernata, l-Onor. Aquilina, tikkomporta ruħha sew fil-Kamra.

Is-seduta ġiet sospiża fl-4.07 p.m. u rriżumiet fl-4.17 p.m. u kien hawn fejn l-Onor. Andy Ellul talab dan ir-ruling.

Is-Sedja minnufih se tgħaddi għal dak li talab l-Onor. Karol Aquilina dwar il-fatt li kien qed jitlob ir-rikuża tas-Sedja fuq dan ir-ruling partikolari.

Is-Sedja minnufih tiċħad it-talba għar-rikuża u dan *stante* li skont l-Istanding Orders hija s-Sedja li tirregola l-Kamra għal kull ħaġa li jkun hemm waqt is-seduta. Huwa ovvju li dak li nqala' kien waqt li s-Sedja kienet qed tippresiedi u kien l-Onor. Karol Aquilina stess li beda jindirizza kliem li ċertament mhuwiex ta' komportament parlamentari fil-konfront tas-Sedja u għalhekk is-Sedja, skont l-istess Standing Orders, kif jindikaw diversi Ordnijiet tal-Kamra 56, 57, 60, 61 u 63 trid tara dak kollu li għandha tara biex tagħti l-provvediment tagħha anke f'dan il-każ fejn qed jintalab ir-ruling.

Is-Sedja tirrileva li dak li talab is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul fit-talba għar-ruling tinnota li s-Sedja kienet diġà ħadet il-passi meħtieġa waqt is-seduta stess fejn ordnat lill-Onor. Aquilina minħabba l-imġiba tiegħu ta' diżordni biex jirtira minnufih mill-Kamra, liema ordni sussegwentement imbagħad ġiet segwita billi l-Kamra ġiet sospiża minħabba li kien hemm diversi interruzzjonijiet fil-Kamra.

Is-Sedja tifhem illi l-Onor. Karol Aquilina, peress illi anke waqt li ġiet sospiża l-Kamra u anke meta rriżumiet il-Kamra, baqa' fil-Kamra, ma tneħħi xejn minn dak li ddeċidiet is-Sedja għaliex is-Sedja, kieku baqgħet għaddejja bis-seduta, kien ikun hemm bżonn il-marixxalli tal-istess Parlament jew uffiċjali oħra li jiġu awtorizzati mis-Sedja, biex jaġixxu u dik l-ordni tkun tista' tiġi segwita.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li s-Sedja rriżumiet is-seduta ma ħassitx il-ħtieġa li tagħmel hekk minħabba li s-seduta setgħet titkompla mingħajr aktar interruzzjonijiet.

Is-Sedja rat dak li qal l-Onor. Karol Aquilina fejn ovvjament is-Sedja diġà tat id-deċiżjoni tagħha dak il-ħin li l-atteġġjament u d-diskors li ntqal mill-Onor. Karol Aquilina huwa wieħed deplorevoli u ma jagħmilx ġieħ anke lilu stess li jinżel f'dak il-livell l-aktar baxx li jattakka personali, apparti lis-Sedja, li l-proċedura jaf li hija proċedura dwar ruling x'għandu jagħmel jekk ir-ruling m'għoġbux jew għandu raġunijiet li wieħed jista' jikkontestahom b'kull dritt li dak huwa kollu parti mill-proċedura parlamentari li tiġi segwita, imma agħar minn hekk li jattakka l-persuna tal-Clerk of the House, persuna integra li ilha snin ta' snin fil-Parlament, f'leġiżlatura waħda wara l-oħra, li jagħmel ix-xogħol tiegħu b'mod impekkabbli tant li ġie onorat miż-żewġ naħat tal-Kamra riċentement u agħar minn hekk li jdaħħlu fil-kwestjoni qisu kiteb ir-ruling hu u mhux is-Sedja u li hu huwa parti mill-preġudizzju għall-Oppożizzjoni kollha, xi ħaġa li ċertament ma tagħmilx ġieħ lill-istess Onorevoli Karol Aquilina li qal dak id-diskors. Il-fatt li jirtirahx jew le, dik hija affari tiegħu, però żgur li s-Sedja tirrimarka li dan l-atteġġjament huwa atteġġjament xejn xieraq u ma jagħmilx ġieħ mhux biss lil min qalu imma anke lil dawk li semgħuh u waslu għall-konklużjonijiet tagħhom.

Għalhekk is-Sedja qiegħda tiddeċiedi billi ma tiħux aktar azzjoni fil-konfront ta' dak mitlub mill-Onor. Andy Ellul *stante* li dak li kellu jsir ġie deċiż waqt is-seduta stess, seduta *stante* tal-bieraħ.

Ir-ruling huwa deċiż.